

Brussell, 20 ta' Settembru 2021
(OR. en)

11709/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0271(NLE)

TRANS 535

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: ST 11953/21	
Nru dok. Cion:	ST 11288/21 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-15-il Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) – Adozzjoni

I. INTRODUZZJONI

1. Il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq fis-17 ta' Awwissu 2021. L-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) torganizza sessjonijiet ordinarji kull tliet snin. Fuq l-aġenda ta' din is-sena hemm, fost punti oħra, diskussjonijiet strateġiċi, l-elezzjoni tas-Segretarju Ġenerali, kwistjonijiet li jikkonċernaw korpi dipendenti u diversi bidliet fir-regoli ta' proċedura tal-OTIF. Il-laqgħa ser issir f'Bern, l-Iżvizzera, fit-28 u d-29 ta' Settembru 2021, bil-possibbiltà ta' parteċipazzjoni remota.
2. L-OTIF għandha 52 membru, li minnhom 25 huma Stati Membri tal-UE. L-Unjoni aderiet mal-Konvenzjoni li tirregola l-OTIF fl-2011 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/103/UE tas-16 ta' Ġunju 2011.

II. ĦIDMA FIL-KORP PREPARATORJU

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art l-ewwel eżamina l-proposta fil-laqgħa informali tal-membri tiegħu fis-6 ta' Settembru 2021. Diversi delegazzjonijiet daħħlu riżervi ta' skrutinju u esprimew dubji dwar l-assenjazzjoni ta' kompetenzi u drittijiet tal-vot għal xi wħud mill-punti fl-aġenda għall-Assemblea Ġenerali, kif ukoll fir-rigward ta' xi wħud mill-abbozzi ta' pożizzjonijiet tal-Unjoni. Erba' delegazzjonijiet għamlu kummenti bil-miktub¹.
4. Iffaċilitat minn kompromess tal-Presidenza,² il-Grupp ta' Ħidma kompli d-diskussjoni tiegħu fis-17 ta' Settembru 2021, f'laqgħa informali. Filwaqt li d-diskussjoni qorbot lejn kompromess dwar il-bieċa l-kbira tal-kwistjonijiet ikkontestati, fadal żewġ kwistjonijiet, waħda dwar id-deskrizzjoni tal-kompetenzi fl-Anness għall-abbozz ta' Deċiżjoni li fiha l-pożizzjonijiet tal-UE, u oħra dwar il-punt 9 fl-aġenda għall-Assemblea Ġenerali, sa fejn tittratta r-rekwiżiti lingwistiċi għall-għażla ta' Segretarju Ġenerali tal-OTIF.
5. Fir-rigward tal-ewwel kwistjoni ewlenija, il-parteċipanti laħqu l-fehim li ġej: F'każ li l-kompetenza tkun indikata bħala "Unjoni (kondiviża)", l-Unjoni tikkondividi l-kompetenza mal-Istati Membri tagħha u għadha ma eżerċitathix. F'każ li l-kompetenza tkun indikata bħala "Unjoni (kondiviża u esklużiva)", il-punt jaqa' parzjalment taħt il-kompetenza kondiviża, u parzjalment taħt dik esklużiva. Fil-każ tal-aħħar, f'konformità mal-punt 3.3 tal-Anness III għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/103/UE, id-deċiżjoni dwar id-drittijiet tal-vot tittieħed fid-dawl ta' fejn tinsab il-preponderanza tal-kompetenza, u l-pożizzjoni tal-Unjoni ser tiġi espressa mill-Presidenza u l-Kummissjoni, fejn l-Istati Membri, wara l-koordinazzjoni dovuta, jistgħu jikkellmu biex jappoġġawha jew jiżviluppawha.
6. Fid-dawl tat-tieni kwistjoni pendenti, il-Grupp ta' Ħidma reġa' lura għall-fajl fl-20 ta' Settembru 2021³. Filwaqt li xi delegazzjonijiet appoġġaw il-kompromess tal-Presidenza, oħrajn ma setgħux. Il-fehmiet kienu differenti kemm f'termini tal-għadd minimu ta' lingwi li għandhom ikunu meħtieġa, kif ukoll f'termini ta' enfasi fuq kwalunkwe waħda minnhom. Minkejja aktar sforzi, irriżulta li kien impossibbli li jintlaħaq qbil dwar linja ta' kompromess għal pożizzjoni tal-Unjoni, u, għalhekk, il-Presidenza kkonkludiet li ma nstabet l-ebda pożizzjoni tal-Unjoni dwar dan l-aspett speċifiku tar-regoli l-ġodda dwar il-proċedura tal-għażla.

¹ Ara d-dokumenti ST 11554/21 u WK 10410/2021+ ADD1, ADD2, ADD4.

² Ara d-dokument 11596/21 + ADD 1.

³ Ara d-dokument 11953/21.

III. KONKLUŻJONIJIET

7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden japprova l-abbozz ta' Deċiżjoni kif jirriżulta mid-deliberazzjonijiet preparatorji u jippreżentah għall-adozzjoni mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Settembru 2021, kif ippreżentat fid-dokumenti 11576/21 u 11579/21, riveduti mill-ġuristi-lingwisti⁴.
8. Il-Presidenza tinkoraġġixxi lill-Istati Membri rilevanti kollha biex jipparteċipaw fl-Assemblea Ġenerali tal-OTIF biex jeżerċitaw id-drittijiet tal-vot tagħhom u jikkontribwixxu għad-dibattiti li ser jiffurmaw il-prospetti fuq terminu qasir u medju tal-OTIF.
9. Hekk kif tiġi adottata, il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill.

⁴ Minħabba restrizzjonijiet ta' ħin, id-dokumenti tal-ġuristi-lingwisti ser ikunu disponibbli f'lingwa waħda fil-21 ta' Settembru 2021, kmieni wara nofsinhar, u f'lingwi oħra fl-24 ta' Settembru 2021.